KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.5.2016
COM(2016) 273 final

2016/0145 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jiddefinixxi l-karatteristiċi tal-bastimenti tas-sajd (riformulazzjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Fl-isfond ta' Ewropa tal-poplu, il-Kummissjoni tagħti importanza kbira lis-simplifikazzjoni u liċ-ċarezza tal-liġi tal-Unjoni sabiex tkun iktar ċara u iktar aċċessibbli għaċ-ċittadini u b'hekk toffrilhom opportunitajiet ġodda u ċ-ċans li jagħmlu użu mid-drittijiet speċifiċi li tagħtihom.

   Ma jistax jintlaħaq dan il-għan sakemm il-bosta dispożizzjonijiet li ġew emendati ħafna drabi, spiss b'mod sostanzjali, jibqgħu mferrxin bejn l-att oriġinali u atti sussegwenti li jemendaw l-att oriġinali. Hemm bżonn għalhekk ta' xogħol ta' riċerka konsiderevoli li jqabbel ħafna atti differenti ma' xulxin sabiex jiġu identifikati r-regoli attwalment fis-seħħ.

   Għalhekk huwa essenzjali li ssir kodifikazzjoni ta' regoli li ġew emendati ta' sikwit sabiex il-liġi tkun ċara u trasparenti.

2. Fl-1 ta' April 1987 il-Kummissjoni ddeċidiet[1] li tordna lill-persunal tagħha li kull att għandu jiġi kkodifikat wara mhux iktar minn għaxar emendi, filwaqt li enfasizzat li din hija kundizzjoni minima u li d-dipartimenti għandhom jippruvaw jikkodifikaw it-testi li huma responsabbli għalihom anke f'intervalli iqsar biex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet tagħhom ikunu ċari u jinftiehmu malajr.

3. Il-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Edinburgu (Diċembru 1992) ikkonfermaw dan[2], filwaqt li saħqu fuq l-importanza tal-kodifikazzjoni għaliex tagħti ċertezza f'dak li jirrigwarda l-liġi applikabbli għal materja partikolari f'mument partikolari.

   Il-kodifikazzjoni għandha ssir f'konformità sħiħa mal-proċedura normali għall-adozzjoni ta' atti tal-Unjoni.

4. L-għan ta' din il-proposta huwa li ssir il-kodifikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2930/86 tat-22 ta' Settembru 1986 li jiddefinixxi l-karatteristiċi tad-dgħajjes tas-sajd[3]. Ir-Regolament il-ġdid jissostitwixxi żewġ atti inkorporati fih[4]; filwaqt illi jżomm il-kontenut kollu tal-atti li qed jiġu kkodifikati. Fl-istess waqt, huwa wkoll xieraq li ssir emenda sostantiva għal Artikolu 5(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2930/86, bl-iskop li jingħataw setgħat lill-Kummissjoni għall-addattament tal-ħtiġiet li jiddetterminaw il-qawwa tal-magna kontinwa għal progress tekniku. Għalhekk, il-proposta qed tiġi preżentata bħala riformulazzjoni.

5. Il-proposta ta' riformulazzjoni tħejjiet abbażi ta' konsolidazzjoni preliminari, fi 23 lingwa uffiċjali tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2930/86 u tal-att li jemendah, magħmula mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, permezz ta' sistema ta' pproċessar ta' dejta. Fejn l-artikoli ngħataw numri ġodda, il-korrelazzjoni bejn in-numri qodma u ġodda tidher fit-tabella li tinsab fl-Anness III tar-Regolament riformulat.

---

1 COM(87) 868 PV.
2 Ara l-Anness 3 għall-Parti A tal-Konklużjonijiet.
3 Imdaħħla fil-programm leġiżlattiv għal 2011.
4 Ara l-Anness II għal din il-proposta.

↓ 2930/86 (adattat)
⇨ ġdid

2016/0145 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jiddefinixxi l-karatteristiċi tal-bastimenti tas-sajd (riformulazzjoni)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 ⌦ (2) ⌫ tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[5],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja[6],

Billi:

⇩ ġdid

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2930/86[7] ġie emendat[8] b'mod sostanzjali. Peress li ser ikun hemm aktar emendi, dak ir-Regolament jeħtieġ li jkun riformulat għal iktar ċarezza.

↓ 2930/86 Premessa 1 (adattat)

(2) Fil-qafas tal-politika komuni tas-sajd, issir referenza għall-karatteristiċi ⌦ tal-bastimenti ⌫ tas-sajd, bħalma huma t-tul, il-wisa', it-tunnellaġġ, id-data tad-dħul fis-servizz u l-qawwa tal-magna.

5 ĠU C [...], [...], p. [...].
6 ĠU C [...], [...], p. [...].
7 Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2930/86 tat-22 ta' Settembru 1986 li jiddefinixxi l-karatteristiċi tad-dgħajjes tas-sajd (ĠU L 274, 25.9.1986, p. 1.)
8 Ara l-Anness II.

↓ 2930/86 Premessa 2 (adattat)

(3) Huwa essenzjali li jintużaw regoli identiċi biex ikunu ddeterminati l-karatteristiċi ⌦ tal-bastimenti ⌫ tas-sajd sabiex ikunu ⌦unifikatii ⌫ l-kondizzjonijiet għall-eżerċizzju tal-attività fl- ⌦ Unjoni ⌫.

↓ 2930/86 Premessa 3 (adattat)

(4) Id-definizzjonijiet ⌦ stabbiliti f'dan ir-Regolament ⌫ jeħtieġ li jkunu bbażati fuq inizjattivi diġà meħuda minn organizzazzjonijiet internazzjonali speċjalizzati.

↓ 2930/86 Premessa 4 (adattat) u 3259/94 Premessa 3 (adattat)

(5) ⌦ Għaldaqstant, għandu jittieħed kont tal- ⌫ Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Kejl tat-Tunnellaġġ tal-Bastimenti, ⌦ iffirmata ⌫ f'Londra fit-23 ta' Ġunju 1969 (⌦ Konvenzjoni tal- ⌫ 1969), ⌦ u l-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Sikurezza tal-Bastimenti tas-Sajd, iffirmata f'Torremolinos fit-2 ta' April 1977, it-tnejn imfasslin ⌫ taħt il-patroċinju tal-Organizazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO).

↓ 3259/94 Premessi 7 u 9 (adattat)

(6) Għal bastimenti tas-sajd iżgħar li huma inqas minn 15-il metru tul, il-metodoloġija stabbilita fl-Anness I tal- ⌦ Konvenzjoni tal-1969 ⌫ mhijiex addattata f'ċerti każijiet. ⌦ Għaldaqstant, għal dawk il-bastimenti ⌫ hija mixtieqa definizzjoni iktar sempliċi tat-tunnellaġġ gross.

↓ 2930/86 Premessa 6 (adattat)

(7) L-Organizzazzjoni Internazzjonali ⌦ għall-Istandardizzazzjoni ⌫ ħejjiet normi dwar il-magni b'kumbustjoni interna li huma użati estensivament fl-Istati Membri.

⇩ ġdid

(8) Sabiex ikunu adattati ċerti ħtiġiet għal progress tekniku, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewopea għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-adozzjoni tal-emendi meħtieġa biex tkun determinata il-qawwa tal-magna kontinwa. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il -konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ta'

[data]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

↓ 2930/86 (adattat)

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

Id-definizzjonijiet tal-karatteristiċi ⌦ tal-bastimenti ⌫ tas-sajd ⌦ stabbiliti ⌫ b'dan ir-Regolament għandhom japplikaw għar-regoli tal- ⌦ Unjoni ⌫ kollha f'dak li jirrigwarda s-sajd.

Artikolu 2

Tul

1. It-tul ⌦ ta' bastiment ⌫ għandu jkun it-tul ⌦ globali ⌫, definit bħala d-distanza f'linja dritta bejn il-parti l-aktar 'il quddiem tal-pruwa u l-parti l-aktar tal-aħħar tal-poppa.

Għall-iskopijiet ta' din id-definizzjoni:

(a) il-pruwa għandha tkun meħuda li tinkludi l-istruttura tal-qafas li ma jgħaddix ilma minnha, il-kastru tal-pruwa, il-pruwa u l-murata ta' quddiem, jekk imwaħħla, imma għandha teskludi l-pupress u l-ilqugħ tas-sikurezza;

(b) il-poppa għandha tkun meħuda li tinkludi l-istruttura tal-qafas li ma jgħaddix ilma minnha, it-traversa orizzontali, il-pont tal-poppa, ir-rampa tat-tartarun u l-murata, imma għandha teskludi l-ilqugħ tas-sikurezza, il-buttafora, il-makkinarju ta' propulsjoni, it-tmun u l-maniġġ, u s-slielem u l-pjattaformi tal-għaddasa.

It-tul ⌦ globali ⌫ għandu jkun imkejjel bil-metri u b'eżattezza ta' żewġ deċimali.

2. Meta t-tul bejn il-perpendikulari jissemma fil-leġiżlazzjoni tal- ⌦ Unjoni ⌫, għandu jkun definit bħala d-distanza mkejla bejn il-perpendikulari ta' quddiem u wara kif definiti bil-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Sikurezza ⌦ tal-Bastimenti ⌫ tas-Sajd.

It-tul bejn il-perpendikulari għandu jkun imkejjel bil-metri u b'eżattezza ta' żewġ deċimali.

Artikolu 3

Wisa'

↓ 3259/94 Art. 1 pt. 1

Il-wisa' ta' bastiment għandu jkun il-wisa' massimu kif iddefinit fl-Anness I tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Kejl tat-Tunnellaġġ tal-Bastimenti, minn hawn ("Il-Konvenzjoni tal-1969").

↓ 2930/86 (adattat)

Il-wisa' ⌦ globali ⌫ għandu jkun imkejjel bil-metri u b'eżattezza ta' żewġ deċimali.

Artikolu 4

Tunnellaġġ

↓ 3259/94 Art. 1 pt. 2 (adattat)

1. It-tunnellaġġ gross tal-bastimenti tas-sajd b'tul globali ugwali għal 15-il metru jew iktar għandu jitkejjel kif speċifikat fl-Anness I tal-Konvenzjoni tal-1969.

2. It-tunnellaġġ gross tal-bastimenti tas-sajd b'tul globali ta' ⌦ inqas ⌫ minn 15-il metru għandu jitkejjel skont il-formola pprovduta fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

↓ 2930/86 (adattat)
⇨ ġdid

3. Meta t-tunnellaġġ nett jissemma fir-regoli tal- ⌦ Unjoni ⌫ dan għandu jkun iddefinit kif speċifikat fl- Anness I ⌦ tal-Konvenzjoni tal-1969 ⌫.

Artikolu 5

Qawwa tal-magna

1. Il-qawwa tal-magna għandha tkun it-total tal-qawwa massima kontinwa li tista' tkun akkwistata fir-rota tal-volant ta' kull magna u li tista', b'mezzi mekkaniċi, elettriċi, idroliċi jew mezzi oħra, tkun applikata għall-propulsjoni ⌦ tal-bastiment ⌫. B'danakollu, fejn il-kaxxa tal-ingranar tkun inkorporata fil-magna, il-qawwa għandha tkun imkejla fil-ħanek tal-kaxxa tal-ingranar.

L-ebda tnaqqis m'għandu jsir għal xi magni awżiljarji li jkunu mmexxija mill-magna.

L-unità li biha tkun espressa l-qawwa tal-magna għandha tkun il-kilowatt (KW).

2. Il-qawwa kontinwa tal-magna għandha tkun iddeterminata skont ir-rekwiżiti adottati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali ⌦ għall-Istandardizzazzjoni fl-Istandard Internazzjonali rakkomandat ⌫ tagħha ISO 3046/1, it-tieni edizzjoni, Ottubru 1981.

3. ⇨ Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 7 dwar ⇦ l-emendi meħtieġa għall-adattament għall-progress tekniku tar-rekwiżiti ⌦ msemmija ⌫ fil-paragrafu 2 ⌦ ta' dan l-Artikolu. ⌫ ~~għandha tkun adottata skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 170/83~~.

Artikolu 6

Data tad-dħul fis-servizz

Id-data tad-dħul fis-servizz għandha tkun id-data tal-ewwel ħruġ ta' ċertifikat uffiċjali ta' sikurezza.

Jekk ċertifikat uffiċjali ta' sikurezza ma jkunx inħareġ, id-data tad-dħul fis-servizz għandha tkun id-data tal-ewwel dħul f'reġistru uffiċjali ⌦ tal-bastimenti ⌫ tas-sajd.

B'danakollu, fil-każ ta' ⌦ bastimenti ⌫ tas-sajd li jkunu daħlu fis-servizz qabel ⌦ l-1 ta' Diċembru 1986 ⌫, id-data tad-dħul fis-servizz għandha tkun id-data tal-ewwel dħul f'reġistru uffiċjali ⌦ tal-bastimenti ⌫ tas-sajd.

⇩ ġdid

Artikolu 7

L-eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 5(3) għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' żmien indeterminat minn […].

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 5(3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 5(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 8

Tħassir

Ir-Regolament (KEE) Nru 2930/86 huwa mħassar.

Referenzi għar-Regolament li ġie mħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta’ korrelazzjoni fl-Anness III.

↓ 2930/86

Artikolu 9

Dispożizzjonijiet finali

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*